**22 ta' Mejju, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Anthony Mizzi et noe

*versus*

Emmanuele Schembri

**Bejgħ — Garanzija ta' — Kwalità pattwita — Vizzju kontrattwali — Vizzju redibitorju — Batterji — Difett f'**

*Jekk minn jixtri merkanzija jallega li kien xtrah b'garanzija jeħtieġ jew li jipprova li dik il-garanzija ġie pattwita, jew li jeżisti użu kummerċjali skond liema dik għandha tingħata. Min jallega li l-merkanzija (batteriji) lilu mibjugħa kienet inservibbili u mhux tajba, ma jistax jippretendi li kien hemm differenza fil-kwalità pattwita imma biss vizzju redibitorju.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biha l-atturi *nomine* talbu li — pressi kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun — il-konvenut jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' tliet mija seba' u għoxrin lira sittax-il xelin (£327.16.0) prezz ta' ħamsa u ħamsin (55) batterija, lilu mibjugħa u konsenjata f'Ottubru u Novembru, 1962, skond il-prospetti Dok. "A" u "B" hemm annessi; bl-imgħaxijiet kummerċjali u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Awissu, 1963;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li (a) il-prezz pretiż mill-atturi kellu jkun 5/- (ħames xelini) anqas minn dak miftieħem ma' ħaddieħor u kwindi mhux kif mitlub, (b) il-batteriji mhumiex effiċjenti tant li ġew restitwiti lilu almenu tlieta, (c) hu f'kull każ u bla preġudizzju pront li jħallas għal dawk li biegħ bil-prezz miftieħem, u (d) il-bejgħ sar bil-garanzija ta' sena u għalhekk l-atturi ma jistgħux jippretendu li jitħallsu tal-batteriji inservibbli;

Rat in-nota ulterjuri tal-konvenut presentata fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 1965 li biha, stante r-raba eċċezzjoni (hawn fuq riportata) kif ukoll spjegata fid-dikjarazzjoni, iddikjara li qiegħed, għal kull fini u effett tal-liġi, jinsisti għar-risoluzzjoni tal-vendita tat-23 (tlieta u għoxrin) batterija elenkati fid-dokument N u tal-10 (għaxar) batteriji indikati fid-dokument M (fol. 69 u 68 rispettivament, presentati fl-istess udjenza);

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Novembru, 1966 li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenut għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ a bażi ta' l-azzjoni ta' l-atturi u ġiet milqugħa t-talba tagħhom bl-ispejjeż kontra l-konvenut, salv favur tiegħu kull dritt skond il-liġi "si et quatenus" wara li kkunsidrat:

**Omissis.**

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata billi, wara li jiġu akkolti l-eċċezzjonijiet tiegħu, it-talba ta' l-atturi għas-somma mitluba tiġi miċħuda u tiġi milqugħa biss limitatament għas-somma li ma kienet qatt kontestata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

Rat ir-risposta ta' l-atturi li l-appell hu infondat u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

It-talba ta' l-appellati hija għall-ħlas ta' prezz ta' żewġ partiti ta' batteriji, waħda ta' ħames batterija 12 x 7 mibjugħin lill-appellant fid-19 ta' Novembru, 1962 u l-oħra ta' ħamsin batterija kif indikati fil-kont fol. 6 mibjugħin lill-konvenut fit-3 ta' Ottubru, 1962. Is-somma totali mitluba hi ta' £327.16.0.

L-appellant ma jikkontestax il-kwantitativi ta' batteriji li l-appellati jgħidu li bigħulha kif intqal hawn fuq; anzi meta xehed aċċetta li dak fuq imsemmi kien in-numru mibjugħ u konsenjat lilu. Iżda hu jikkontendi illi l-ammont li għandu jħallas tagħhom lill-appellat hu dak biss ta' £155.10.0 Ir-raġuni ta' din il-pretensjoni tiegħu hi illi, minn numru kollu tal-batteriji mibjugħa lilu, hu ma rnexxielux jirrivendi ħlief 23 (recte 25, skond kif jidher fil-paġ. 3 ta' petizzjoni) għax l-oħrajn, minħabba l-kwalita ħażina tagħhom ma kienux smerċjabbli: u, anki għall-25 li biegħ il-prezz m'għandux ikun dak indikat mill-appellati iżda dak muri fil-petizzjoni.

Fis-sentenza appellata u anki fil-petizzjoni ta' l-appell, ġiet trattata fl-ewwel lok il-kwistjoni tal-prezz tal-bejgħ u din il-Qorti ser ukoll issegwi l-istess ordni.

Fit-trattazzjoni ta' l-appell, l-appellant irrikonoxxa illi l-kwistjoni tal-prezz m'hix, relativament għall-ilmenti tiegħu, importanti ħafna, in kwantu ma tagħmilx differenza kbira. B'dana kollu, la darba ma ġietx rinunzjata, hu neċessarju li tiġi kkunsidrata.

It-teżi ta' l-appellant hi illi, skond il-ftehim, il-prezz kellu jkun 5/- orħos minn dak li bih il-batteriji jinbigħu lil ħadd-ieħor. Fil-petizzjoni ta' l-appell hu ħa bħala bażi il-prezzijiet li bihom kien sar bejgħ lil ċertu Joseph Spiteri. Għal kuntrar-

ju t-teżi ta' l-appellat hija illi l-prezz ġie miftiehem verbalment imma għab-bażi tal-prezzijiet indikati fil-listini, u li, imbagħad l-appellati naqqsu minn dawk il-prezzijiet 5/- għal kull batterija.

L-ewwel Onorabbli Qorti aċċettat it-teżi ta' l-appellati u din il-Qorti ma ssibx raġunijiet biex tiddissenti minn dik il-konklużjoni; u verament anqas issib wisq x'jista' utilment jiżdied mar-raġunamenti premessi għal dik il-konklużjoni fis-sentenza appellata. Ovvjament mhux verosimili illi l-ftehim kien li l-prezz kellu jkun b'5/- orħos minn dak pratikat ma ħaddieħor anki fi kwalunkwe żmien futur. Jekk stess wieħed jaċċetta il-kliem ta' l-appellant innifsu cioè illi "Arthur Mizzi spiċċa biex qallu illi biegħhomlu ħames xelini inqas milli kien ibiegħhom lil ħaddieħor" wieħed għandu raġonevolment jifhem illi r-riferenza kienet għal bejgħ lil ħaddieħor madwar dak iż-żmien. L-appellant għalkemm fix-xhieda tiegħu semma xi prezzijiet li bihom kienu saru xi venditi lill-Gvern, ma ndikax l-epoka li fiha suppost sar dak il-bejgħ apparti li jista' jkun wkoll illi l-prezzijiet lill-gvern kienu jkunu bla dazju (Din hi sempliċi supposizzjoni għax il-Qorti anqas taf jekk fuq dawn il-batteriji kienx hemm dazju). Anqas jistgħu jservu ta' paragun il-prezzijiet miftehmin ma Spiteri senn wara li sar il-bejgħ lill-appellat, meta ġie mibjugħ lil Spiteri f'Ottubru — Novembru, 1963 lot kbir li kien ta' l-aħħar u li, kif qal Spiteri, ġie mibjugħ lilu "bi prezz ridott ferm". Il-bejgħ lill-appellant sar, kif intqal, f'Ottubru — Novembru 1962 u, jekk jista' jsir xi paragun, hu mal-prezzijiet li ġew stipulati ma Spiteri fl-istess żmien. Kif jidher mill-fatturi Dok. H, I, J, (fol. 40, 41, 42) f'dik l-epoka ġew bijugħa lil Spiteri batteriji ta' 6 x 19 plates bil-prezz ta' £5.15.0 il-waħda u batteriji ta' 12 x 9 plates bil-prezz ta' £5.15.0 wkoll. Termini oħra ta' paragun validu l-appellant ma offriex u, għab-bażi ta' l-uniku paragun li jista' jsir, anki kieku kellha tiġi aċċettata il-versjoni tal-ftehim kif asserita mill-appellant, id-differenza, relativament għall-am-

mont totali, ikun tant minima li anqas hu l-każ li wieħed jokkupa ruħu ulterjorment minnha.

Iżda, kif ġa intqal aktar 'il fuq, l-ilment prinċipali u **sostanzjali** ta' l-appellant jirrigwarda l-kwalità tal-batteriji **in kwistjoni**. L-appellant jgħid, fil-petizzjoni ta' l-appell, kif **kien sostna** fi prim'istanza, illi l-batteriji ġew mibjugħa lilu bil-garanzija ta' sena. Din kienet l-eċċezzjoni li hu kien insista fuqha quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u li, in bażi tagħha, kien insista fin-nota tiegħu "għar-riżoluzzjoni tal-vendita tat-23 batterija elenkati fid-Dok. N u ta' l-10 batteriji indikati fid-Dok. M." Id-Dok N. juri 23 batterija li l-appellant jgħid li għadhom għandu *"in stock"* u li ma biegħx: u d-Dok. M juri 10 batteriji li l-appellant jgħid li kien biegħ imma ġew ritornati lilu mix-xerrejja għax kienu ħżiena. Dik in-nota *fol.* 66 tal-appellant kienet testwalment tallaċċja ruħha mar-raba' eċċezzjoni tiegħu fin-nota fol. 8 fejn kien jingħad illi "**l-bejgħ sar bil-garanzija ta' sena u għalhekk (l-appellati) ma jistgħux jippretendu li jitħallsu ta' batteriji inservibbli**" — eċċezzjoni ripetuta fis-sostanza tagħha fid-*dikjarazzjoni* annessa ma l-istess nota ta' eċċezzjonijiet fejn jingħad illi l-appellant "fi kwalunkwe każ ma għandux iħallas dawk (il-batteriji) li jirriżultaw inservibbli, billi dawn kienu koperti bil-garanzija ta' sena."

*Dan* kien mela it-terren li fuqu, għar-rigward ta' din il-kwistjoni tal-effiċjenza tal-batteriji, l-appellant ikkumbatta, fil-proċeduri miktuba, it-talba ta' l-appellati fi prim'istanza; ċioè **illi kienet ġiet pattwita fil-bejgħ il-garanzija ta' sena: u dik** kienet l-eċċezzjoni li ġiet eżaminata u deċiża fis-sentenza appellata. Difatti l-ewwel Onorabbli Qorti, wara li sabet, bħala fatt, illi l-ftehim tal-garanzija ma kienx ġie pruvat u li kwindi l-eċċezzjoni **kif mogħtija** ma setatx tiġi **akkolta**, iddikjarat fl-aħħar tas-sentenza illi —

"Ma hux il-każ li l-Qorti tikkommenta iżjed fuq il-**kawża**,

partikolarment dwar is-sottomissjonijiet orali li saru mid-difensuri e.g. jekk fil-fatt tidħolx il-kwistjoni ta' vizji redibitorji fil-batteriji jew si tratta tal-kwalità tagħhom (kif intqal fl-interess tal-konvenut li hu l-każ) jew jekk la darba l-konvenut żamm il-merkanzija allura, se mai, kien jista' jkun hemm lok għal riduzzjoni fil-prezz u mhux għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ (kif intqal fl-interess ta' l-attur): dan ma jistax isir imħabba l-mod kif hi impostata l-eċċezzjoni tal-konvenut u wkoll ġiet trattata u ma saret ebda preċiżazzjoni ulterjuri fir-rigward...din ma tikkomprendix il-garanzija, skond il-liġi għal vizji okkulti u dik rigwardanti xi ksur. Għal kull fini però jingħad illi jekk il-garanzija titqies li tinfluwixxi fuq il-kwalità tal-ħaġa, oġġett tan-negozju, allura għandu jiġi ritenut li din il-kwalità ma ġietx pruvata la darba ma tirriżultax pruvata l-garanzija."

"Kif ser jingħad 'il quddiem, l-appellant fit-trattazzjoni orali ta' l-appell allarga, kif proċeduralment kellu d-dritt li jagħmel (salv dak li jiġi rilevat), il-bażi tad-difiża tiegħu kontra t-talba ta' l-appellati: iżda fil-petizzjoni ta' l-appell, l-atteġġjament tiegħu baqa' sostanzjalment dak li kien adotta bil-miktub fi prim'istanza u li fuqu biss, kif intqal, iddeċidiet il-kawża l-ewwel Onorabbli Qorti, u ċioè illi l-ftehim tal-bejgħ kien sar bil-garanzija ta' sena.

Hekk limitata, il-kwistjoni tirriduċi ruħha prinċipalment fi kwistjoni ta' fatt. Għad illi din il-Qorti ċertament tagħti importanza lir-rilievi magħmulin mill-appellant, b'dana kollu ma jidhriliex li hemm raġunijiet biżżejjed biex il-konklużjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tiġi rovexxjata. Kif sewwa osservaw l-appellati fir-risposta tagħhom ġaladarba — rigward il-kwistjoni impostata fit-termini hawn fuq imsemmija — l-appellant jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-garanzija konvenzjonali, jinħtieġ illi hu jipprova konvinċentement li l-appellat effettivament tawh dik il-garanzija u jinħtieġ jipprova l-kwalità u l-estensjoni ta' dik il-garanzija, mentri mir-riżultanzi proċes-

swali ma jistax jingħad li dik il-garanzija tassew ingħatat.

L-appellat Anthony Mizzi xehed illi, meta sar il-bejgħ, "ma sarx diskors fuq garanzija". Għall-ftehim kienu preżenti, oltre dak l-appellat, anki is-salesman Joseph Grech u l-istess appellant. Issa, Joseph Grech xehed li ma jidhirlux li issemmiet il-garanzija meta sar il-ftehim. L-appellant, imbagħad ammetta fix-xhieda tiegħu illi dak inhar li ntaqgħu l-uffiċċju ta' l-appellat u, preżumibilment, sar il-bejgħ, il-garanzija ma issemmietx, jew għall-inqas hu ma kienx jiftakar li ssemmiet. Fil-fehma tal-Qorti dan waħdu hu fatali għall-pretensjoni ta' l-appellant.

Hu veru illi l-appellant jinsisti illi dwar il-garanzija kien ġie assigurat mis-salesman ta' l-appellati u dan is-salesman jikkonferma illi l-garanzija semmiegħa lill-appellant. Iżda ma ġiex pruvat illi Joseph Grech kellu l-awtorità ta' l-appellati biex jorbothom b'dak il-patt, jew, infatti, b'xi patt ieħor dwar il-bejgħ. Anki l-prezz ġie miftiehem direttament bejn l-appellant u l-appellati. Il-Qorti tifhem illi l-appellant sata' ġie svijat mill-kliem ta' Grech, iżda anki bl-akbar volontà tajba lejn l-appellant ma tistax fl-istat tal-provi, tirritieni pruvat li saret legalment il-konvenzjoni bejn il-partijiet.

U anqas jista' jingħad illi, jekk ma jirriżultax il-ftehim espress, irriżulta però ftehim taċitu indott minn xi prattika preċedentement eżistenti bejn il-partijiet jew minn xi fatti oħra li jikkonvolġu lill-appellati, jew minn xi użu talment ġenerali u kostanti tal-kummerċ li jimposta l-preżunzjoni ta' l-obbligatorjetà tiegħu. Ċertament jidher li ħafna drabi din il-garanzija tingħata, almenu mid-dettaljatur lill-konsumatur: iżda l-appellat xehed illi huma mhux soltu jagħtu l-garanzija lill-klienti tagħhom. Joseph Spiteri qal illi meta hu ħa batteriji mingħand l-appellati, ħadhom b'garanzija però mingħajr indikazzjoni ta' żmien u spjega illi b'garanzija jifhem illi jekk

per eżempju batterija taqa' jew titbaxxa, allura kien imur jir-reklama. Jidher illi, meta dan kien jiġri kienu jippruvaw jir-rangaw bonarjament. Iżda Spiteri kompla jixhed: "ma nistax ngħid illi l-batteriji kollha jimbiegħu b'garanzija": hu stess li ġieli wkoll importa batteriji, kien jipprova kemm jista' jbiles li jagħti garanzija. L-inferenza minn dawn il-provi tista' tkun biss, illi għalkemm fis-suq l-użu hu li tingħata garanzija ta' sena u xi drabi ta' sitt xhur, però b'dana kollu jinħtieġ il-ftehim.

Għalhekk, kif ġa ntqal fuq il-bażi tal-provi li saru, din il-Qorti hi ta' fehma li ma kienitx inġustifikata l-ewwel Qorti li tirritieni illi l-garanzija konvenzjonali pretiża mill-appellant ma irriżultatx.

Però, diġa aċċennat aktar 'il fuq illi, fit-trattazzjoni ta' l-appell, l-appellant allarga d-difiża tiegħu. Hu issa qal illi, verament il-kwistjoni jekk kienx hemm garanzija konvenzjonali fis-sens qabel sostnut minnha, hi pjuttost sekondarja. Hu xtara l-batteriji biex ibiegħhom u għalhekk kien insitu fl-operazzjoni l-obbligu ta' l-appellati li jikkonsenjaw batteriji li kienu rivendibbli: il-fatt illi l-batteriji irriżultaw ħżiena u inadatti għall-bejgħ iġib — qal l-appellant — għal nuqqas da parti ta' l-appellati li jikkonsenjaw merċi tal-kwalità pattwita, u dan jintitolah li jirrexindi l-bejgħ għal dak il-kwantitativ ta' batteriji li jew ġew restitwiti lilu mix-xerrejja tiegħu bħala ħżiena jew li hu ma satax jispaċċja.

Iżda anki jekk wieħed jaċċetta bħala fatt l-ilment ta' l-appellant, fis-sens illi l-batteriji in kwistjoni kienu ***difettużi*** jew **ħżiena**, talvolta anki fi grad illi, minħabba d-difett tagħhom, ma humiex smerċjabbli, il-kwistjoni, għall-finijiet legali, m'hiex ta' xiri jew ta' konsenja ta' merkanzija ***ta' kwalità diversa minn dik pattwita*** (ipotesi kontemplata fl-artikolu 1440 tal-Kodiċi Ċivili): il-kwistjoni tista' tkun biss ta' **vizju redibi-**

torju (ipotesi kontemplata fl-artikoli 1474 et sec.).

L-appellant ftiehem li jixtri batteriji tal-marka "Vulcan", u dik hi l-merkanzija li ġiet konsenjata lilu. Ħlief in kwantu l-appellant jgħid illi l-batteriji ma kienux tajba u effiċjenti, ebda allegazzjoni ma hemm illi l-batteriji riċevuti minn għand l-appellati kienu b'xi mod diformi fit-tip, jew l-ispeċje jew xi fattizzi oħra minn dawk li hu ra u ried jixtri. Id-difetti li l-appellanti jgħid illi l-batteriji kellhom kienu li ma kellhomx "heavy duty plates" u s-separators tagħhom kienu ta' kwalita ordinarja. Xejn ma ġie allegat jew pruvat illi l-batteriji konsenjati lill-appellant kienu differenti — 'apparti d-difetti — minn batteriji Vulcan oħrajn li l-appellati kellhom għall-bejgħ: anzi l-appellat ipproduċa bħala x-xhud prinċipali tiegħu lil Joseph Spiteri li wkoll kien xtara kwantitajiet ta' batteriji bħalhom, sempliċement biex jipprova illi anki huma kienu difettużi. L-appellant xehed illi, fil-fehma tiegħu, il-batteriji kienu ħżiena għaliex damu storjati: dan jfisser mhux illi l-batteriji li hu xtara ma kienux tal-kwalita miftehma, iżda, talvolta, li kienu ħżiena u saru difettużi. Kif ġie ritenut fil-kawża "Falzon vs Aquilina", (Vol. XXIX, iii, 51), b'ċitazzjoni kopjuża ta' dottrina u ġurisprudenza, min jallega illi l-merkanzija kienet fi stat mhux merkantili, u mhux li hija ta' ġeneru ieħor jew ta' kwalità sostanzjalment diversa minn dik ordnata, ikun qiegħed jeċċepixxi l-vizzju ridebitorju. Dan kien każ fejn, bħal fil-każ preżenti, kien ġie allegat illi l-merkanzija kienet fi stat ħażin talment illi partita minnha ma kienux jistgħu jinbiegħu tant illi xi xerrejja kienu reġġgħuhom lura. Hekk ukoll fil-kawża "Tanti vs Cassar (Vol. XXXIV, iii, 779) intqal illi l-allegazzjoni tax-xerrej u l-merkanzija hi deterjorata u għalhekk mhux merkantabbli, (imma b'danakollu tal-kwalità ta' -merkanzija pattwita), ġiet dejjem kunsidrata bħala allegazzjoni ta' vizzju ridebitorju. Dan anqas hu każ ta' nuqqas fil-ħaġa mibjugħa tal-kwalitajiet essenzjali li jiddeterminaw is-sostanza tagħha jew ta' nuqqas fiha ta' xi kwalità jew karatteristika, li, għal-

kemm mhux essenzjali tqiesu bi ftehim espress bħala essenzjali għall-użu li għalih il-ħaġa kienet destinata: *imma* hu biss każ ta' anormalità jew taħsir jew avarija fil-batteriji li, kif jgħid l-appellant, jelludu l-effiċjenza tagħhom jew jirrendihom eretti għall-użu tagħhom: kwistjoni għalhekk ta' *vizzju redibitorju*.

Il-kwistjoni hi għalhekk jekk l-appellant jistax jopponi din id-difiża. Proprjament anqas hu stess ma invoka din l-eċċezzjoni u l-Qorti, forsi, tista' anki tiddispensa ruħha milli *teżaminaha*. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti hi ta' fehma illi anqas din l-eċċezzjoni ma tikkompeti lilu fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti. Dan hu riżultat sfortunat għaliex mill-provi aktar jidher illi *difett il-merkanzija* jew parti *minnha* kellha tassew; iżda l-Qorti ma tistax ma tapplikax il-liġi u kien l-appellant stess illi, bid-dewmien tiegħu, iddiżabilita ruħu li juża minn dan ir-rimedju, minħabba ż-żmien.

Hu veru dak li ssottometta l-appellant illi d-difetti li kien hemm fil-batteriji in kwistjoni kienu ta' dik ix-xorta illi ma jirrivelawx ruħhom ħlief wara revendita ta' parti minnhom. Kif intqal fis-sentenza "Lucia vs. Chevallier" (Vol. XXIV, i, 981) "vi sono merci di tale natura, che l'esperimento della loro bontà ed immunità da vizi non sia assolutamente possibile che in certe condizioni determinate, nel quale caso il termine (għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni ridebitorja u dak "quanti minoris") non dovrebbe in giustizia decorrere fino a che non sia sopravvenuta tale possibilità, qualunque sia la distanza che lo separi della consegna della merce........Per la scoperta di vizi occulti in talune merci poi, è necessario addirittura il consumo della merce stessa e quindi la sua rivendita ai clienti; ed è solamente da fondate e generali proteste dei consumatori che il rivenditore può desumere la notizia del vizio nascosto, che se grave e pre-esistente alla consegna della merce fatta a lui, dà vita alle suddette due *forme* di azioni di garanzia qual sono la redibitoria e la quanti minoris".

Iżda anki meta wieħed jagħti kull benefiċċju possibbli lill-appellant, wieħed ma jistax, għab-bażi tax-xhieda tiegħu stess, ħlief jikkonkludi illi hu kien jaf lid-difetti wisq iżjed minn xahar qabel bdiet il-kawża. Difatti hu xehed illi wara li hu kien xtara l-batteriji, is-salesman ta' l-appellati kien ħadlu xi batteriji ġodda biex ibiddlilhom il-kaxxa u waqt li kien qed jagħmel din l-operazzjoni, induna bil-kwalità tas-separators (li kienet ordinarja) u l-plates (li ma kienux heavy duty): dan ġara xi xahrejn wara li kien xtara l-batteriji. Żied jixhed l-appellant, illi wara li kien ġa kellu ħafna complaints minn għand il-klienti tiegħu u hu kien bagħat jilmenta ma l-appellat permezz tas-salesman, dan kien qallu illi l-prinċipal tiegħu ma riedx jaf bil-garanzija u allura l-appellant qallu li lanqas hu ma kien ser iħallas, imbagħad l-appellat bagħtlu ittra uffiċjali però hu baqa' ma ħallsux.

Mingħajr ma l-Qorti toqgħod tidħol f'dettalji oħra talprovi, dan juri assolutament illi l-appellant sar definitivament jaf bid-difetti xhur qabel u, fl-aħjar ipotesi għalih, żgur qabel ma saret l-ittra uffiċjali ta' l-appellati tal-25 ta' Awissu, 1963. Iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fil-25 ta' Settembru, 1963. Issa jekk hu f'din l-aħħar data ma kienx għadu iżjed fiż-żmien anqas li jeżerċita l-azzjoni ta' garanzija fuq imsemmija, anqas seta' f'dik id-data jew wara jinvoka r-rimedju "ope exceptionis". Għax kif ġie ritenut diversi drabi meta d-dritt għall-proposizzjoni ta' l-azzjoni bażata fuq dik il-garanzija jkun spiċċa bid-dekorriment taż-żmien, ma tistgħux mill-kompratur tiġi opposta dik il-garanzija in vija ta' eċċezzjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant.